13 ta' Ottubru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Caterina Abdilla *versus* Avukat Dr. Frank X. Vassallo et. ne.

**Serviġi — Gratuwità — Likwidazzjoni.**

*F'materja ta' kumpens ta' serviġi huwa prinċipju komunement aċċettat mill-ġurisprudenza li dak il-kumpens ma huz dovut meta bejn il-persuna servuta u l-persuna li serviet ikun hemm parentela stretta; liema preżunzjoni tkun aktar u aktar imsaħħa meta s-serviġi reżi ma jkunu jimpurtaw ebda jew ftit inkomodu, jew perdita materjali, lill-persuna servjenti, jew meta l-persuna servuta tkun f'pożizzjoni ekonomika li tista' timpjega estranei bil-ħlas u l-persuna serventi tkun ukoll f'pożizzjoni ekonomika tajba.*

*Din il-preżunzjoni ta' gratuwità tista' tiġi newtralizzata bi provi kuntrarji; u dan fuq konsiderazzjonijiet tan-natura tas-serviġi, jew talpersuni singoli mdaħħlin fil-kważi-kuntratt, jew fir-relazzjonijiet ta' bejniethom qabel ma jkun isehħ ir-rapport ġuridiku li dwaru tqum l-azzjoni.*

*Għaldaqstant is-serviġi hekk imsejħa "di basso lega", ma humiex preżunti li ġew reżi gratuwitament, anki jekk ikun hemm parentela bejn is-serventi u s-servut; kif lanqas ma għandhom jiġu preżunti bħala gratuwiti s-serviġi li persuna fqira tirrendi lill-persuna fakoltuża, speċjalment meta l-persuna li tagħti dawk is-serviġi tilfet xogħol iekor retribwibili biex tirrendihom, jew meta sa mill-bidu jkun hemm manifestament il-ħsieb tal-ħlas mill-parti serventi u fehma ta' retribuzzjoni mill-parti tal-persuna servuta.*

*Oġġettivament il-likwidazzjoni tas-serviġi tiddependi min-natura tasserviġi; imma ċerti konsiderazzjonijiet soġġettivi ma jistgħux jiġu traskurati; inkwantokkè anki fil-ħajja ordinarja, ċerti serviġi huma diversament retribwibili, għalkemm ikunu ta' ugwali natura, minn persuni ta' pożizzjoni ekonomika diversa.*

*Fil-każ preżenti dawn il-prinċipji ġew applikati, biex ġie stabbilit jekk il-persuna li serviet kellhiex titħallas għas-serviġi minnha reżi lil zijuha, u għall-finijiet tal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut għal dawk is-serviġi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attriċi rrendiet serviġi lill-imsemmi Annunziato Camilleri għal perijodu ta' tlittax-il xahar u erbat ijiem qabel ma miet, u għad li kellha diversi promessi ta' ħlas għadha ma tħallsetx, il-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi dik is-somma li tiġi minn dina l-Qorti likwidata, anki per mezz ta' periti, lilha dovuta bħala kumpens tas-serviġi fuq imsemmija; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Awissu 1946 u tad-29 ta' Diċembru 1949, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali, jingħad li f'materja ta' kumpens ta' serviġi huwa risaput li huwa prinċipju komunement aċċettat millġurisprudenza tagħna li dak il-kumpens mhux dovut meta l-persuna servuta u l-persuna li tkun serviet u tat is-serviġi jkunu

f'relazzjoni bejniethom ta' parentela stretta; għaliex il-preżunzjoni "juris tantum" f'dawk ir-relazzjonijiet hija li s-serviġi jkunu ġew mogħtija aktarx "pietatis vel familiaritatis causa", u mhux bil-ħsieb ta' ħlas, la minn parti u lanqas minn oħra. Dina l-preżunzjoni tkun aktar u aktar imsaħħa meta dawk is-serviġi ma jkunux jimpurtaw ebda jew ftit inkomodu jew perdita materjali għall-persuna serventi, jew meta l-persuna servuta tkun f'pożizzjoni ekonomika li timpjega bil-ħlas estranei, u l-persuna serventi tkun mill-parti tagħha wkoll f'pożizzjoni ekonomika tajba;

Jingħad però li dina l-preżunzjoni mhix ta' karattru assolut, u tista' tiġi newtralizzata bi provi kuntrarji, li huma ħafna u ndubbjament ta' karattru varjanti. Tabilħaqq, dik il-preżunzjoni tista' tiġi skossa, jew anki mwaqqa' għal kollox, fuq konsiderazzjonijiet tan-natura tas-serviġi, jew tal-persuni singoli mdaħħla fil-kważi kuntratt, jew fir-relazzjoni bejniethom qabel ma jkun seħħ ir-rapport ġuridiku li dwaru tqum l-azzjoni. Infatti jingħad, enunċjativament biss, li s-serviġi hekk imsejħa "di bassa lega" ma jippreżumux il-gratuwità tagħhom, anki jekk jiġu magħmula minn persuna imparentata mal-persuna li tgawdihom, kif lanqas ma jistgħu jingħadu li huma gratuwiti s-serviġi li persuna fqira tagħti lil persuna oħra parenti tagħha fakoltuża, speċjalment meta l-persuna serventi, biex tagħti dawn is-serviġi, titlef xogħol ieħor retribwibili; u fl-aħħarnett, meta mill-bidu tar-rapport ġuridiku interċedenti bejn is-serventi u l-persuna servuta jkun hemm manifestament il-ħsieb tal-ħlas minn parti u fehma tar-retribuzzjoni mill-oħra li tirċevihom, indipendentement minn vera u proprja konvenzjoni, li fi kwalunkwe każ tkun timporta stipulazzjoni ta' ħlas konvenut u mhux kumpens;

Illi jingħad imbagħad li oġġettivament il-likwidazzjoni tas-serviġi tiddependi min-natura tas-serviġi; imma ċerti konsiderazzjonijiet soġġettivi fir-rigward tal-persuna servuta u l-istess persuna serventi ma jistgħux jiġu traskurati, inkwantokkè anki fil-ħajja ordinarja ċerti serviġi huma diversament retribwibili, għalkemm huma ta' ugwali natura, minn persuni ta' pożizzjoni ekonomika diversa; il-għaliex l-istess persuni serventi naturalment iħossu li huma għandhom distributivament ipaċu ħaġa ma' oħra, u fejn jistgħu jitħallsu l-massimu jħossu li għandhom

ježiġuh, mentri fejn jafu li dak il-ħlas massimu mhux possibili jimmoderaw il-ħlas. Del resto, din hija indirettament l-adozzjoni tat-teorija ta' l-ekwità fir-reġġenza u tmexxija tal-ħajja ordinarja tal-"bonus vir";

Illi *mhux ozjuż li jingħad li f'data relativament reċenti* dina l-Qorti kellha okkażjoni tinnota fir-relazzjonijiet legali u peritali dwar materja ta' serviġi, almenu fil-maġġjoranza tagħhom, ċerta tendenza lejn l-eżaġerazzjoni fil-valutazzjoni jew likwidazzjoni tal-kumpens tas-serviġi għax-xogħol, biex hekk jissejjaħ, ta' kura lejn il-persuna servuta. Hafna mill-periti legali *jipparifikaw dak ix-xogħol magħmul minn persuna kwalunkwe* għal dak ta' vera u proprja infermiera, u fuq il-linea u stregwa ta' dak il-ħsieb huma ġenerożament jabbondaw filkumpens; imma dina l-prattika, fil-ħsieb tal-Qorti, hekk assoluta hija perikoluża. Tabilħaqq, il-kura prestata f'marda lillpersuna servuta ndubbjament ħaqqha retribuzzjoni aqwa minn dik ta' *sempliċi serviġi ordinarji; imma ċertament persuna* mhux tal-professjoni ma tistax tkun kompensata għax-xogħol tagħha, anki jekk ikun ta' l-istess natura ta' dik ta' infermiera, bħala tali, għar-raġuni loġika u naturali li fil-kumpens tas-serviġi liċenzjati tidħol dejjem il-konsiderazzjoni tal-professjoni tagħhom u tat-tul taż-żmien li jkunu riedu sabiex jottjenu dika l-professjoni—apparti l-preżunta *effiċjenza tagħhom għal dak* ix-xogħol, li hija importanti wkoll li tiġi kunsidrata;

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġew suċċintament enunċjati l-prinċipji li ntqalu fil-paragrafi preċedenti, dina l-Qorti, fuq il-provi li għandha, tħoss li għalkemm l-attriċi hija neputija tad-decujus, il-persuna servuta, la darba ġie eżuberantement pruvat li hija, għal sena xahar u sebat ijiem kienet toqgħod miegħu u ddur bih meta ġie li ħassu ħażin, ħaqqha li tkun kompensata tax-xogħol tagħha; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Il-għaliex hija, meta marret miegħu, kellha mill-ewwel f'rasha li titħallas, u esprimiet dina l-idea fil-kors tas-servizz tagħha lid-decujus, *li mill-parti tiegħu wera l-intenzjoni li hija* tkun retribwita, għalkemm fil-ħajja tiegħu qal li ma jistax iħallasha. Dina l-intenzjoni tad-decujus tirriżulta mix-xhieda......;

2. Il-għaliex in-natura tas-serviġi, li kienu ċertuni ta' bassa lega, bħalma huma l-ħasil tal-ħwejjeġ maħmuġa u tal

persuna tad-decujus mill-feċċi li d-decujus kien jagħmel fihom, apparti l-ħasil sporadiku ta' ferita varikuża li kellu, joqtlu l-preżunzjoni tal-gratuwità;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit il-pont legali li, nonostanti r-relazzjoni ta' parentela bejn l-attriċi u d-decujus, l-ewwel imsemmija, skond il-provi, kellha d-dritt tkun kompensata għal dak li għamlet miegħu, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida dawna l-istess serviġi;

Illi għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-kumpens huma importanti tant in-natura tas-serviġi kemm ukoll l-estensjoni tagħhom fil-kwalità u żmien. Jekk huwa minnu li dak li ntqal fuq huwa importanti għad-determinazzjoni tal-kumpens, huwa wkoll importanti f'ordni ugwali li jiġi kunsidrat li (a) l-attriċi ma tilfet ebda xogħol sabiex tmur toqgħod mad-decujus, (b) li hija ma kienetx infermiera jew li kellha qatt dik is-sengħa, (c) id-decujus qatt ma taha ebda flus jew rigali għas-serviġi li għamlitlu;

Ikkunsidrat;

Illi dwar in-natura u estensjoni tas-serviġi jingħad li bejn wieħed u ieħor ix-xhieda kollha jaqblu...........;

Illi kwantu għan-natura tas-serviġi fil-perijodu fuq imsemmi, jingħad li għalkemm l-attriċi tgħid li kienu kontinuwi bil-lejl u bin-nhar, eppure mid-depożizzjoni ingħarbla sewwa u miżbura mill-eżaġerazzjonijiet komuni ħafna f'kawżi bħal din in diskussjoni, jidher li normalment is-servizz ta' l-attriċi kien ta' persuna li tmur biex toqgħod ma' oħra b'sagrifiċċju tal-libertà tagħha għal kwalunkwe bżonn li jista' jkollha l-persuna servuta, il-għaliex, kif igħid il-poplu, bniedem waħdu ma huwa xejn. Fil-perijodu msemmi.......... Jirriżulta li darba—għall-ħabta ta' Marzu jew April 1944—kellu ferita jew ulċera varikuża, u l-attriċi kienet, fuq l-ordni tat-Tabib Dr. Frendo, tagħmillu xi fumenti ċirka minn erbgħa sa sitt darbiet kuljum, għalkemm skond it-testi tal-mediċina dika l-kwantità ta' fumenti hija rikjesta biss fil-bidu li titfaċċa l-ulċera biss, u mhux għall-perijodu kollu tat-trattament (ara "The Physician by Victor Robinson M.D., taħt il-kelma "Ulcer", paġina 690 u taħt il-kelma "Varicose Vein", paġina 700).......... Huwa

fiċli li jingħad kemm damet dik il-kura........... il-perijodu ta' ħmistax-il ġurnata huwa raġjonevoli;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u tillikwida l-kumpens għas-servigi mitluba għas-somma ta' £65. 5. 0 għall-perijodu pruvat; u f'dan is-sens rispettivament taddotta u tiċħad il-perizja;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti nomine.